25 ta' Mejju, 1954

Imħallef :
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Maria Bianco *versus* Nutar Paul Pellegrini Petit

**Pagament ta' Indebitu — Ripetizzjoni — Eċċezzjoni — Żball.**

***Hemm lok għall-"indebiti solutio" meta xi ħadd, bi żball, iħallas dak li ma hux dovut, la ċivilment u lanqas naturalment, jew iħallas dak li hu dovut, imma mhux minnu, jew iħallas dak li hu dovut, anki minnu, imma mhux lil dak li hu lilu dovut. Jiġifieri li hemm tliet każijiet ta' ħlas ta' indebitu, (1) meta l-ħlas bla ebda mod ma hu dovut—indebitu "ex re", u (2) u (3) meta l-ħlas mhux dovut minn min ħallas jew mhux dovut lil min ġie mħallas—indebitu "ex personis".***

***Rekwiżiti tal-kważi-kuntratt ta' pagament ta' indebitu huma l-pagament, l-indebitu, u l-iżball ta' min ħallas.***

***Jekk jiġi ottenut mandat ta' qbid kontra persuna għall-ħlas ta' somma ta' flus, u dik il-persuna tikkonsenja s-somma tal-mandat u l-ispejjeż lill-marixxall eżekutur biex iqegħidhom il-Qorti, biex hemm jibqgħu, u mbagħad tħalli jgħaddu ħmistax il-ġurnata mill-eżekuzzjoni tal-mandat mingħajr ma ġġib 'il quddiem b'ċitazzjoni r-raġunijiet tagħha l-għaliex dawk il-flus ma għandhomx jiġu żbankati minn dak li ottjena l-mandat, kollha jew biċċa, u dak li ottjena l-mandat imbagħad jiżbanka dawk il-flus, ma jistax jingħad***

*li dik il-persuna ħallset bi żball dawk il-flus, meta kienet hija stess li b'aġir tagħha ppermettiet li dawk il-flus jiġu żbankati. Għalhekk l-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' indebitu li tagħmel dik il-persuna f'ċirkustanzi simili, biex tieħu lura dawk il-flus minn għand min żbankahom, hija insostenibili minħabba nuqqas ta' wieħed mill-elementi ta' dik l-azzjoni, jiġifieri l-iżball ta' min ħallas.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li tippremetti illi b'rikors tal-konvenut, li huwa kien ippreżenta quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, talab li jiġi lilu fissat id-dritt professjonali għax-xogħol li huwa kien irrendielha kif semma fl-istess rikors (dok. A); u illi dik il-Qorti stabbilietlu d-dritt professjonali tiegħu fis-somma ta' £46. 18. 10, liema ammont il-konvenut ħallas minn għandha per mezz ta' mandat ta' qbid li huwa ippreżenta kontra tagħha fit-30 ta' Novembru 1955 (dok. B); u illi mhux veru li l-konvenut irrendiella l-prestazzjonijiet professjonali tiegħu kif semma fl-istess rikors tiegħu, kif jiġi pruvat waqt il-kawża; u illi l-istess konvenut kien irrinunzja għal kull dritt li huwa seta' kellu kontra tagħha, jekk il-konsulent legali tagħha, li qabbdet wara, jipprokuralha riżultat aktar favorevoli għaliha minn dak li kien wassalha għalih l-istess konvenut; u illi, kif jiġi pruvat waqt il-kawża, hija otteniet eżitu wisq aktar favorevoli minn dak li wassalha għalih il-konvenut; titlob illi, premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun, u previja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li t-taxxa li ottjena l-konvenut hi erronea, u kwindi ma hix attendibili, għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-konvenut jiġi kundannat jirrifondiha s-somma ta' £50. 4. 6 li hija ħallset għall-kreditu u spejjeż tal-mandat li għamlilha l-konvenut biex ottjena l-pagament, kif intqal fuq. Bl-interessi legali mill-lum sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li ġie ngunt għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jeċċepixxi illi l-attriċi ma nipunjatx it-taxxa fil-kwistjoni fi żmien xahar mill-kommunika li saritilha ta' l-istess taxxa per mezz ta' ittra uffiċjali tal-21 ta' Ottubru 1953, u għalhekk il-lum ma

tistax (itlob illi dik it-taxxa tiġi dikjarata mhix attendibili, għaliex erronea, billi għal domanda simili hi ta' ostakolu d-dispożizzjoni ta' l-art. 555 (1) u (4) tal-Kodiċi Proċedurali; illi l-attriċi hi wkoll prekluża milli titlob ir-rifużjoni tas-somma mħallsa lilu in segwitu għall-mandat ta' qbid imsemmi fiċ-ċitazzjoni, billi, kif jinsab spjegat aħjar fl-annessa dikjarazzjoni, dik is-somma l-attriċi ma ppermettietx erroneament li tittieħed minnu, u għalhekk ma tirravviżax ruħha fil-fattispeċje tal-każ il-figura ta' l-indebitu, li taħtha unikament tista' takkwista xi valur l-istanza attriċi; illi, fil-meritu, u bla preġudizzju ta' l-eċċezzjonijiet preġudizzjali anteċedenti, it-taxxa rilaxxjata favur tiegħu hi ġusta, u huwa stess kien intitolat jgħaddi għall-eżekuzzjoni, billi, kif jiġi okkorrendo pruvat, ma vverifikat ruħha ebda rinunzja da parti tiegħu għad-drittijiet professjonali lilu akkordati b'dik it-taxxa;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut issolleva żewġ eċċezzjonijiet preliminari, li minnhom jidher li għandha tiġi eżaminata u deċiża fl-ewwel lok it-tieni waħda, billi l-istess tassorbi u tista' tiddirimi t-talba ta' l-attriċi;

Illi, kif jissottometti l-konvenut, ladarba l-attriċi qiegħda titlob illi huwa għandu jirrifondilha s-somma ndikata minnha fiċ-ċitazzjoni għaliex l-istess mhijiex dovuta lilu, il-pretensjoni tagħha mhijiex ħaġ'oħra ħlief il-pagament ta' indebitu, jew li dik is-somma l-konvenut ma kellux jeħodha u għalhekk ħadha indebitament;

Illi hemm lok għall-indebiti solutio'' meta xi ħadd, bi żball, iħallas dak li mhux dovut la ċivilment u lanqas naturalment, jew iħallas dak li hu dovut imma mhux minnu, jew iħallas dak li hu dovut anki minnu, imma mhux lil dak li lilu hu dovut (art. 1064, 1065 Kodiċi Ċivili). Minn dan jidderiva illi hemm tliet każijiet ta' ħlas ta' indebitu, jiġifieri (1) meta l-ħlas b'ebda mod ma hu dovut, jew l-indebitu ''ex re'', (2) u (3) meta l-ħlas mhux dovut minn min ħallas jew mhux dovut lil min ġie bih imħallas, jew l-indebitu ''ex personis''. F'kull wieħed minn dawn il-każijiet ikun hemm il-kważi-kuntratt tal-pagament ta' l-indebitu, li rekwiżiti tiegħu huma (a) il-pa-

gament, (b) l-indebitu, (c) l-iżball ta' min ħallas. Fil-każ taħt eżami, skond il-pretensjoni ta' l-attriċi, jittratta minn l-ewwel wieħed mit-tliet każijiet fuq imsemmija;

Illi, biex jiġi eżaminat jekk jikkonkorrux fil-każ taħt eżami t-tliet rekwiżiti meħtieġa għal din l-azzjoni, mhux barra minn loku illi jiġu mfissrin il-fatti li taw lok għal din il-kawża. Il-konvenut kien ippresta serviġi professjonali lill-attriċi, li, kif tgħid hija, huwa kien ipprometta illi huwa jirrinunzja għall-ħlas tagħhom jekk kellha tavvera ruħha ċerta kondizzjoni li saret bejniethom. L-attriċi ppretendiet illi kienet avverat ruħha dik il-kondizzjoni, u ma riedetx tħallas lill-konvenut għal dawk is-serviġi. Billi l-konvenut deherlu xort'oħra mill-attriċi, huwa talab lill-Qorti kompetenti biex tiffissalu d-dritt professjonali għal dawk is-serviġi tiegħu kif kien jidhirlu illi rrendihom lill-attriċi — talba li ġiet notifikata lill-attriċi. Dik il-Qorti stabbiliet id-dritt professjonali tal-konvenut fissomma ta' £46. 18. 10, u dan ottjena t-taxxa relativa, li permezz ta' ittra uffiċjali kkomunikaha lill-attriċi. Din ma mpunjatx dik it-taxxa, u lanqas ma ħallset; u għalhekk il-konvenut talab u ottjena minn din il-Qorti l-ispedizzjoni ta' mandat ta' qbid kontra tagħha għas-somma fuq imsemmija. L-attriċi kkonsenjat dik is-somma, flimkien ma' l-ispejjeż tal-mandat, f'idejn il-marixxall eżekutur, biex tibqa' depożitata fir-Reġistru tal-Qorti u hemm tibqa', fejn effettivament tqegħdet millimsemmi marixxall per mezz ta' ċedola. Billi l-attriċi ma ċċaqalqitx biex timpedixxi l-iżbank ta' dik is-somma hekk depożitata fiż-żmien li trid il-liġi, wara li għadda dak iż-żmien ilkonvenut irtira l-istess somma. U hi din is-somma, rappreżentanti l-kreditu u l-ispejjeż tal-mandat, imħallsa minnha, li l-attriċi tippretendi li għandha tiġi rifuża lilha mill-konvenut bħala li lilu ma kienetx u mhix dovuta;

Ikkunsidrat;

Illi mill-fatti fuq imsemmija jirriżulta illi fil-każ taħt eżami l-ewwel rekwiżit li ġà ssemma jirrikorri; għaliex pagament kien hemm. Biss, l-attriċi tippretendi illi dak il-pagament ma kienx volontarju, imma furzat, jiġifieri l-konvenut tħallas in segwitu għall-atti eżekutivi li huwa eżerċita kontra tagħha. Din iċ-ċirkustanza, però, għandha titqies b'riferenza

għall-eżami jekk jirrikorrix fil-każ taħt eżami t-tielet rekwiżit ta' din l-azzjoni, jiġifieri l-iżball. Liema rekwiżit jidher, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, illi għandu jiġi eżaminat qabel it-tieni wieħed;

Illi dwar daqshekk jingħad mill-ewwel illi l-pagament sar mill-attriċi, u illi ma sarx minnha bi żball. Kif ġà ngħad, is-somma maqbuda mill-marixall eżekutur mill-poter ta' l-attriċi in forza tal-mandat fuq imsemmi, giet minnha konsenjata lilu biex tkun imqiegħda fir-Reġistru ta' din il-Qorti u hemm tibqa'. Skond l-art. 943 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, depożitu simili jista' jiġi żbankat mill-kreditur eżekutant fuq talba tiegħu, kemm il-darba fi żmien ħmistax il-ġurnata mill-eżekuzzjoni tal-mandat id-debitur ma jġibx 'il quddiem, b'ċitazzjoni, ir-raġunijiet tiegħu li għalihom dik is-somma ma għandhiex, kollha jew biċċa minnha, tiġi żbankata mill-kreditur. Fil-każ taħt eżami dak iż-żmien l-attriċi ħallietu jgħaddi, bla ma lanqas talbet illi jiġi mġedded; u għalhekk il-konvenut żbanka s-somma fuq imsemmija li kienet giet depożitata. La darba l-attriċi ma ġiebetx 'il quddiem, fiż-żmien li trid il-liġi, l-azzjoni meħtieġa biex topponi l-iżbank ta' din is-somma mill-konvenut, hija ġiet illi rrinunzjat għall-istess azzjoni, u hekk ippermettiet illi l-konvenut jiżbanka l-imsemmija somma, b'mod li hija stess ġiet illi ħalliet lill-konvenut dik is-somma. U dik ir-rinunzja, permess u ħlas, ma jistax jingħad illi saru minnha bi żball, almenu fuq il-kwalità tagħha jekk kienetx debitriċi ta' dik is-somma. L-iżball ta' min iħallas huwa meħtieġ, għaliex min ħallas dak li ma għandux iħallas, meta jaf illi ma għandux iħallsu, ma għandux dritt li jieħu lura dak li ħallas; għaliex meta jħallas b'dan il-mod huwa ma jkunx ried jagħmel ħaġ'oħra ħlief jiddona jew jirrinunzja;

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi t-tielet rekwiżit fl-azzjoni eżerċitata mill-attriċi ma jirrikorrix, u għalhekk l-istess azzjoni ma tistax treġġi; b'mod li ma hemmx lok li jiġi eżaminat jekk jirrikorrix it-tieni rekwiżit meħtieġ għall-eżerċizzju ta' l-istess azzjoni, u wisq anqas li jiġi eżaminat il-meritu tal-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi, fil-waqt li tilqa' l-eċċezzjoni preliminari fuq *imsemmija, sollevata mill-konvenut, tirrespinġi t-talba ta' l-attriċi; bl-ispejjeż kontra tagħha.*